MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Numru 112/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur A. Mallia)**
**vs**
**Rita Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-imputata Rita Spiteri ta’ 38 sena mart Mario, bint Julian Micallef u Carmela nee’ Micallef imwielda Pieta’ fit-23 ta’ Marzu, 1962 u residenti 87, Flat 2, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, detentur ta’ karta ta’ identita numru 243862(M) talli:

1. fis-6 ta’ Frar 2001 ghal habta tal-5.00p.m. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Mario Spiteri minn Bormla f’perikolu car hebbet ghall-istess Mario Spitri u kkagunatlu griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifikat Dottoressa Maryrose Cassar bi ksur ta’ l-artikolu 214 u 216(1)(a)(ii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok u hin ingurjat, hddet u offendiet lill-istess Mario Spiteri bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) u 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Mario Spiteri.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputata;

Semghet ix-xhieda kompriza l-imputata;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi t-tielet offiza hija assorbita fl-ewwel li hi l-aktar gravi. Din titratta l-offiza ta' griehi ta' natura gravi per durata li allegatament l-imputata ikkommettiet fuq il-persuna ta' Mario Spiteri, zewgha, u minnu separata.

Il-fatti huma li hi fid-data u l-hin meta kkommettiet id-delitt l-imputata wara li ftit qabel kienet cemplet lil zewgha sabiex jghaddilha l-manteniment marret tistennih fil-post maghruf bhala 'fuq San Pawl' gewwa Bormla. Kif wasal zewgha bil-vettura tieghu hi riekbet jew giet mistiedna biex tirkeb u hemmhekk inqala argument. L-imputata tghid li zewgha hedded li jaqtalha rasha u kif ratu inehhi c-cinturin ta' sigurta irrejagixxiet billi tghajritlu n-nuccali u xejret b'mus. Fit-trattazzjoni ntqal li l-agir tal-imputata kien konsegwenza ta' legittima difiza u ghaliex ipprovokata.

Illi da parti tieghu l-midrub Mario Spiteri stqarr li l-imputata bdiet ittieh bil-mus ghal gharrieda u meta kienet harget

mill-karozza u giet man-naha tieghu. Innega li kien heddida jew li qatt refa’ idejh fuqha.

Illi fil-fehma tal-qorti, konstatat il-lok tal-feriti fuq il-persuna ta’ zewgha, hi aktar verosimili li l-imputata xejret bil-mus fid-direzzjoni tieghu kif stqarr hu. Il-qorti pero propensa li taccetta li kien hemm theddid da parti tieghu li ma kienx spontanju ta’ dak il-hin izda kien ilu jsir.

Inghad dan difficilment allura li treggi d-difiza ta’ legittima difiza izda ghandha tissusisti dik tal-provokazzjoni. Huwa pacifiku kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza li biex tigi invokata l-iskriminanti tal-legittima difiza jehtieg li jkun hemm aggressjoni li trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element tal-inevitabilita huwa determinanti billi l-imputata ma gietx messa f’posizzjoni li ma setghetx tevita l-inkwiet. Fil-fehma tal-qorti pero treggi l-iskusanti tal-provokazzjoni kontemplata fl-Artikolu 227(c) tal-Kap 9. Mill-bqija mix-xhida tat-tabib Mario Scerri jirrizulta li l-offiza gravi hija fit-termini tal-Artikolu 216(1)(a)(ii) kif jinghad fl-akkuza u li tirrizulta wkoll l-offiza tal-ksur tal-paci pubblika.

Ghaldaqstant u filwaqt li qieset ic-cirkostanzi tiddeciedi li ssib l-imputata hatja tal-ewwel akkuza bl-attentwanti tal-Artikolu 227(c) tal-Kap 9, ukoll tat-tieni, izda mhux tat-tielet li ma tirrizultax u f’kull kaz hi assorbita fl-ewwel. Rat l-Artikolu 216(1)(a)(ii), 231, 227, 338(dd) u 17 tal-Kap 9 u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tillibera bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur illum. Fl-ahharnett ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tapplika l-Artikolu 383 kontra l-imputata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------